**31 ta' Marzu, 1967**

**Imħallfin**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D. — President**

**Onor. Prof. J.J. Cremona, K.M., LL.D., B.A., D.Litt. (Rome), B.A., Hons. (Lond.), Ph.D. (Lond.), F.R.Hist.S. — Viċi-President**

**Onor. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Reverendu Sacerdot Don Francesco Zammit et

*versus*

Avukat Dottor Anthony Farrugia et

**Kuntratt — Nullita' — Dolo — Frodi — Malafede — Żball.**

*Il-frodi tista' tkun bażi għat-talba ta nullita' ta' kuntratt anke meta l-iżball f'liema jkun indott il-parti ma jkunx waħdu sufficjenti biex iwassal ħal dik in-nullita'. F'dina s-sentenza l-Qorti ddiskutiet l-elementi rikjesti biex il-frodi twassal għan-nullita' ta' kuntratt.*

Il-Qorti, rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-atturi, wara li ppremettew li huma kienu xtraw mingħand il-konvenuti bi skrittura tat-22 ta' Settembru, 1960 (Dok. A hemm anness) l-ispiżerija f'San Ġiljan magħrufa bħala "St. Julian's Pharmacy", numru 47 St. George's Street, bil-prezz ta' sitt mitt lira (£600) u li "stock" relattiv "at cost price", u li bi skrittura tal-1 ta' April, 1961 (Dok. B. hemm anness) l-attur Antonio Zammit biegħ sehmu lill-attur l-ieħor u hekk sar uniku proprjetarju tal-ispiżerija, u li in segwitu Reverendu Zammit skopra li l-konvenuti kienu fl-okkażjoni tal-bejgħ magħmul minnhom or-

dnaw lill-impjegata tagħhom biex falsament iżżid fil-kotba ta' l-ispiżerija l-ammont tal-venditi ġiornaljeri, dak li hija għamlet, u li fil-kors tat-trattativi l-konvenuti kienu wkoll qalulhom li l-bejgħ kien jammonta bejn £10 (għaxar liri) u £16 (sittax-il lira) kuljum, mentri dan ma kienx veru, u li b'dana l-mod huma bħala kompraturi ġew ingannati dwar il-valur ta' l-ispiżerija u ġew indotti dolosament biex jixtru u jħallsu prezz superjuri milli kienu jagħmlu kieku ma kienux dolosament ingannati talbu li — wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa u jingħataw il-provvedimenti li jmissu — tiġi rexissa l-vendità msemmija tat-22 ta' Settembru, 1960 imħabba d-dolo tal-konvenuti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-8 ta' Frar, 1962;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Dottor Farrugia li biha qal li d-domanda attriċi hija infondata: l-atturi xtraw l-ispiżeraija u li "stock" wara li kienu jafu sewwa x'kienet tirrendi għaliex personalment, għal ċirka xahar, attendew fil-bejgħ u għalhekk wara ħafna tiġbid niżżlu l-prezz mitlub minn £1500 (elf u ħames mitt lira) għal £600 (sitt mitt lira); fil-fatt, kif jidher mill-Income Tax Returns tal-esponenti, il-bejgħ kien fil-medja ta' ċirka £10 (għaxar lira) kull ġurnata lavorativa tul is-snin 1959, 1960. L-atturi tefgħu l-ispiżerija lura, biddlula d-destinazzjoni, biegħu li "stock" tagħha u żammewha kompletament magħluqa għal diversi xhur. Hu żamm id-dritt għall-eċċezzjonijiet oħra, speċjalment dik tar-ratifika, jekk ikun il-każ;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Stilon li biha qal li t-talba attriċi għandha tiġi miċħuda, kif jiġi pruvat, l-atturi ma ġewx ingannati dwar il-valur tal-ispiżerija, msemmija fiċ-ċitazzjoni u lanqas ma ġew indotti dolożament biex jixtruha;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-2[illegible] 1963 :

biha ċaħdet it-talba tal-atturi bl-ispejjeż kontra tagħhom;

Omissis;

Rat in-nota tal-appell tal-atturi u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu illi l-imsemmija sentenza tiġi revokata u t-talba tagħhom tiġi konsegwentement milqugħa bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti appellati.

Rat ir-risposta tal-konvenuti li biha talbu li prevja konferma tas-sentenza appellata l-appell tal-atturi jiġi rigettat bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Illi din hi azzjoni ta' annullament ta' bejgħ in bażi għaddolo tal-vendituri. Biex azzjoni simili tirnexxi jrid qabel xejn jiġi pruvat illi kien hemm dolo da parti ta' wieħed mill kontendenti. Il-prova tad-dolo — l-liġi tgħidu espressament — trid issir minn min jallegah u l-intenzjoni li tqarraq hi essenzjali għax id-dritt modern ma jammettix id-dolo oggettiv "in re ipsa", hi espressa fil-kliem tal-artikolu 1024 tal-Kodiċi Ċivili "inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet" illi fit-test taljan tal-artikolu 687 tal-Ordinanza No. VII tal-1868 kienu "raggiri usati da uno dei contraenti."

Illi għal dik li hi difinizzjoni tad-dolo għada tista' tiġi utilment ripetuta anki llum dik ta' Labeone (fr. 1 § D.4.3.): "dolum malum esse omnem calliditatem fallaciam machinationem ad circumveniendum fallendum decipiendum alterum adhibitam". Fi kliem ieħor, id-dolo jikkonsisti fir-rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq ("raggiri") biex tiddevija r-rieda tal-ieħor billi tipprovaha żball ("errore"). Infatti, ikkunsidrat min-naħa tad-"deceptor", id-dolo hu raggir

waqt li, ikkunsidrat min-naħa tad-"deceptus", hu żball. Il-liġi, li digà tikkontempla li żball bħala vizzju tal-kunsens għar-rasu, tħares f'dan il-każ aktar 'il bogħod lejn il-kawża tiegħu u twassal għall-annullament tal-kuntratt anki meta li żball ma jkunx ġuridikament sufficjenti biex waħdu jġib għan-nullità.

*Illi l-ġurisprudenza tagħna bħal dik ta' leġislazzjonijiet simili għal tagħna irrilevat illi mhux kwalunkwe skaltrezza hi dolo u li fl-iskambi ekonomiċi (għalkemm anki l-lealtà kommerċjali għandha l-eżiġenzi tagħha) ċertu ftaħir tal-ħaġa offerta da parti tal-bejjiegħ mhux illeċitu fil-kamp ġuridiku, apparti naturalment il-kamp purament morali, sakemm ma jilħaqx dak il-grad ta' malvaġità li hu proprju tad-dolo.*

Illi fil-każ preżenti wieħed mill-addebiti dedotti kontra l-konvenuti appellati bħala bażi għad-dolo akkampat fiċ-ċitazzjoni jirrigwarda l-allegata asserzjoni invertiera tagħhom illi l-ispiżerija in vendita kellha bejgħ ta' bejn £10 u £16 kuljum. Fil-kumpless din il-Qorti ma ssibx motiv biex tiddissenti mill-konklużjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti f'dan ir-rigward li hi sostanzjalment fis-sens li, tant jekk wieħed jirrigwarda l-imsemmija asserzjoni fid-dawl ta' ftaħir fuq riferit kemm jekk wieħed jikkunsidraha f'kontest aktar ampju, l-istess fiċ-ċirkostanzi partikolari rilevati fis-sentenza appellata ma twassalx konklużivament għal dolo.

Illi l-istess fil-fehma ta' din il-Qorti ma jistax però jingħad, almenu fil-konfront tal-konvenut dottor Farrugia, għar-rigward tal-addibitu l-ieħor dedott fiċ-ċitazzjoni bħala bażi ta' dolo, jiġifieri li sar b'mod li fil-kotba tal-ispiżerija deher falsament għar-rigward tal-venditi ġornalieri ammont akbar mill-attwali. Din tidher li kienet essenzjalment anki l-fehma tal-ewwel Onorabbli Qorti (li tidher li aċċettat "li kien hemm xi irregolarità dwar ir-reġistrazzjonijiet u li din kienet fis-sens li l-bejgħ kien tidher iżjed milli realment kien"), għalkemm

ma aċċettatx bħala li ġie ppruvat li l-konvenut għamlu b'mod *li jidher falsament mir-reġistrazzjonijiet bejgħ ġornalier ta' bejn £10 u £16.*

Illi fil-fatt din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiskarta fl-essenzjalità tagħha x-xhieda tas-"*salesgirl*" Emmanuela Grixti li, kif sewwa osservat l-ewwel Onorabbli Qorti, hi ferm posittiva u espliċita f'dak li qalet, u lanqas għall-verità ma ġiet miġjuba 'l quddiem xi raġuni partikolari għaliex din seta' jkollha interess li tivvinta mill-għeruq addebitu ta' din ix-xorta u gravità. Jidher anzi li kellha l-interess kollu biex se mai ma titkellimx. Ma rriżultax bl-ebda mod li kella xi tgħid mal-konvenuti: fil-fatt jidher li minnhom kienet ittrattata tajjeb tant li, skond id-deposizzjoni tagħha mhux kontradetta, kellha promessa kontinġenti ta' żieda fis-salarju. Ma jidhirx li jista' jiġi muċħud li verament missitha l-kuxjenza, u l-ewwel irriferit l-inċident lill-ommha, li iddistoljieta u qaltilha biex tinforma lir-Reverendu Zammit però hi beżgħet, u aktar tard, kif qalet hi fuq li kienet qerret lill-istess Reverendu Zammit.

Illi hu veru li f'xi dettalji x-xhieda ta' Emanuela Grixti tippreżenta xi impreċiżjonijiet però mhux ta' natura u grad tali li fil-fehma tal-Qorti jistgħu jew għandhom jinfiċjaw il-kredibilità tagħha. Il-kredibilità ta' xhud in ġenerali tiddependi mix-xjenza tiegħu, jiġifieri illi l-istess xhud ma jkunx tqarraq, u mill-kuxjenza tiegħu, jiġifieri li ma jkunx irid iqarraq, u l-Qorti ma ssibx raġuni biex fiċ-ċirkostanzi kollha, inkluża dak li aktar 'l isfel ser jingħad, tirritieni li dan ma kienx hekk għal finijiet tal-kredibilità ta' din ix-xhud. Senjatament għar-rigward tad-dikjarazzjoni ta' din ix-xhud li, minn dik inhar li fuq l-istruzzjonijiet ta' Dottor Farrugia bdiet tinfiazzjona s-"sales", l-atturi bdew imorru fl-ispiżerija, wieħed filgħodu u l-ieħor fil-għaxija, u baqgħu hekk imorru għal xi ħmistax-il ġurnata sakemm saret it-twellija, il-Qorti jidhrilha li dan mhux inkonsistenti mal-ispjegazzjoni li minn dik inhar l-atturi bdew

imorru, kif jirriżulta li bdew imorru, regolarment.

Illi fil-fatt il-konvenut Dottor Farrugia ma ċaħadx li kien ta istruzzjonijiet lil Grixti fuq ir-reġistrazzjoni ta' "sales", imma ppreċiża li dawn l-istruzzjonijiet kienu fis-sens li ġej. Hu xehed li kien imur regolarment fil-għaxija fl-ispiżerija biex jiġbor il-flus u kien isib bejn dak li kien ikun hemm miktub fis-"sales book" u dan li kien ikun hemm fit-"till" differenza ta' min lira u żewġ liri. Kompla jgħid li Grixti spjċċat biex qalet li dan kien jissuċċedi mħabba "r-rush" tan-nies, però billi din il-ħaġa kienet markata wisq, qalilha li kien hemm bżonn li dak li ssib żżejjed fit-"till" tniżżlu bħala "sales" u meta hi staqsietu kif, weġibha: "Niżżel kif trid" Dan spjegah hekk: "Jiena għidtilha hekk l-għaliex l-average tal-profitti ta' l-ispiżerija huwa ta' 20 fil-mija u għalhekk għalija ma kienx jagħmel differenza jekk bħala "sales" tikteb ħaġa jew oħra basta tniżżell il-flus." Immedjatament wara fl-istess deposizzjoni żied jgħid li hu u sieħbu kienu jagħmlu "stock-taking" annwali billi jżidu 20 fil-mija korrispondenti għall-profitti fuq l-"istock book" u jippareġġawh ma dak li jkun hemm fuq l-ixkaffi (stmat bis-"selling price") u s-"sales" globali, u perjodikament kienu wkoll jagħmlu "spot -checking" jew "surprise checking" u, fil-fehma tax-xhud, "għalhekk kellna interess li nniżżlu kollox fis-"sales-book" u kont għalhekk illi lil Emanuela Grixti għidtilha biex tagħmel hekk biex ma nisfrattawx is-sistema tagħna ta' l-"istock-taking". Però hu ovvju li ż-żieda ta' oġġetti indiskriminanti ma tgħin bl-ebda mod għall-finijiet ta' kontroll in ġenerali jew anki ta' parvenza biss ta' kontroll fil-konfront tas-"salesgirl" Grixti. Barra minn dan l-ammont reali tal-bejgħ hu dak li jinstab fit-"till" u dan il-konvenuti kienu jkunu jafuh u kien fil-fatt jitniżżel, skond l-istess konvenuti, fil-kotba; u allura jidher pjuttost stran, apparti naturalment il-kwistjoni tal-konsistenza, dak illi l-istess Dottor Farrugia kiteb fid-dikjarazzjoni anness [illegible] tal-eċċezzjonijiet tiegħu li, mħabba l-imsemmija diskrepanzi [illegible]

il-flus fit-"till" u l-ammont irreġistrat mis-"salesgirl" hu "biex jista jikkontrolla li stock mal-merkanzija mibjugħa, kien qalilha biex tniżżel mal-bejgħ kuljum medja ta' £1.10.0 sa żewġ liri iżjed stante li dan kien bejn wieħed u ieħor l-ammont żejjed li kien jinstab fil-kexxun bla ma jitniżżel fl-"iskartafaċċ". Apparti l-fatt li dan hu forsi proprju l-mod kif wieħed ma jkunx jista' jikkontrolla li stock mal-merkanzija mibjugħa, almenu għal dik li hi identità, hu diffiċli li wieħed jifhem tant x'vantaġġ kien jiġi konsegwit b'daqshekk kif ukoll għaliex kellha tkun medja. Intant Grixti innegat li kien hemm diskrepanzi ta' dik il-portata (dawn, fil-każijiet minnha deskritti bħala mhux spissi meta kienu jirrikorru, qalet li kienu jkunu ta' ħames xelini jew ftit iżjed) u verament hu wkoll stran li miż-żewġ "salesgirls" li skond il-konvenut Dottor Farrugia ma kienux attenti biżżejjed li jniżżlu s-sales kollha, waħda ġiet skond li stess konvenut imkeċċija u l-oħra (Grixti), li skond l-istess konvenut kien ikollha diskrepanzi ġornalieri u pjuttost raggwardevoli mhux biss ma titkeċċiex imma, skond ix-xhieda tagħha mhux kontradetta kif fuq ingħad tiġi promessa anki żieda kontinġenti fis-salarju.

Illi element ieħor meħtieġ espressament mil-liġi (artikolu 1024 Kodiċi Ċivili) biex azzjoni bħal preżenti tiġi esperita b'suċċess hu li r-raġġiri użati minn waħda mill-partijiet ikun tali li mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta u anki din il-prova tispetta lill-atturi. Stanti li d-dolo hu kkunsidrat bħala vizzju tal-volontà hu raġjonevoli li ma jkunx kawża ta' nullità ħlief in kwantu jkun eżerċità influwenza deċiżiva fuq id-dikjarazzjoni tal-volontà tal-kontraenti. Mid-diversi distinzjonijiet tad-dolo elaborati fid-dottrina, waħda għandha verament u partikolarment rilevanza in bażi għall-kodiċi tagħna, jiġifieri dik bejn id-dolo determinanti u dak li ma jkunx tali. Jekk fir-raġuni u l-loġika d-distinzjoni hi ċara, mhux dejjem tippreżenta ruħha faċli fl-applikazzjoni tagħha. Id-dottrina u ġurisprudenza kontemporanei jidħru orjentati bejn ap-

prezzament tad-dolo "in concreto", jiġifieri b'riferenza għall-"istato d'animo" tal-vittma speċifika. Min-naħa waħda il-ġudikant irid jikkunsidra l-intenzjoni tal-vittma in relazzjoni għar-raġunijiet li ddeterminaw il-kunsens u min-naħa l-oħra il-grad ta' inesperjenza jew inavvedutezza tal-istess vittma. (Marty et Reynaud, Droit Civil, 1952, Tome II, 1er volume, p. 128).

Illi fiċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ quddiemha u tenut kont tal-fuq espost, din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiddiskosta ruħha mill-apprezzament tal-ewwel Onorabbli Qorti ta' dan il-karattru essenzjali tad-dolo bħala kawża ta' annullament ta' kuntratt. Fil-kompless jidher li l-atturi ta' nies pjuttost inesperti li kienu (liema kwalità qeda tittieħed ukoll in konsiderazzjoni fil-kwadru ġenerali) kellhom u wrew wisq ħerqa għal dan l-akkwisti, u għar-raġunijiet esposti mill-ewwel Onorabbli Qorti, x'uħud minnhom aktar rilevanti minn oħrajn, ma jistax jingħad illi hu ppruvat sodisfaċentement illi mingħajr ir-raġġiri wżati f'dan il-każ l-atturi, li l-ewwel offrew pjuttost inkonsultament u mingħajr ma attendew li spiżerija biex jaraw kif kienu s-sales £9000 u mbagħad baxxew il-prezz għall-£600 għax raw li kienu offrew wisq (u, pressat, lir-Reverendu Zammit ħarġitlu l-kelma li raw mis-"sales"), ma kienux jikkuntrattaw.

Għal motivi premessi l-Qorti tipprovdi fuq l-appell billi fil-meritu tikkonferma s-sentenza appellata imma, kwantu għall-ispejjeż, tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi, fiċ-ċirkostanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa.